**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 175/2017**

Il-Pulizija

vs

**Francis Bonnici**

iben Joseph, imwieled Pieta', fis-6 ta' Gunju, 1965, detentur tal-karta tal-identita' numru 301865(M)

Illum, 3 ta' Mejju, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Francis Bonnici quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xhur ta' Mejju 2016 sa Lulju 2016 naqas li jaghti lil Chiara Peresso is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulat fiI-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax- il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' April, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti Francis Bonnici minnu pprezentat fil-11 ta' April, 2017 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija fejn sabet htija u l-piena inflitta fuqha dik ta' xahar prigunerija u minflok ma ssibx lill-imputat hati ta din l-akkuza u tilliberah minnu.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi llum *seduta stante* l-parti civili, Chaira Peresso kkonfermat bil-gurament illi l-manteniment dovut ghax-xhur indikati fl-akkuza thallas u ma fadalilha ebda pretenzjoni ulterjuri fir-rigward.

Illi dan maghdud l-akkuza xorta wahda tirrizulta ppruvata ghalkemm hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija fl-appellant ghar-reat lilu addebitat, tghaddi

biex tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Edwina Grima

Imhallef